

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 60/2009**tat-22 ta' Jannar 2009****li jistabbilixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ⁽⁴⁾.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 164(2), l-aħħar subparagrafu, u l-Artikolu 170 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq dinji tal-prodotti msemija fit-Taqsima XV ta' l-Anness I tar-Regolament imsemmi u bejn il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni ta' l-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq tal-laħam taċ-ċanga, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni skond ir-regoli u l-kriterji msemija fl-Artikoli 162 sa 164 u 167 sa 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skond l-Artikolu 164(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-ammont tar-rifużjoni jista' jvarja skond id-destinazzjoni, speċjalment fejn dan ikun meħtieġ minħabba l-qagħda tas-suq dinji, il-ħtieġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq, jew l-obbligi li jitnissu minn ftehimiet iffirmati skond l-Artikolu 300 tat-Trattat tal-KE.

(4) Ir-rifużjonijiet għandhom jingħataw biss għall-prodotti awtorizzati għall-moviment ħieles fil-Komunità, u li jkollhom it-timbru sanitarju msemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 853/2004 tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġinaw mill-annimali ⁽²⁾. Dawn il-prodotti jeħtieġilhom ukoll jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 852/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel ⁽³⁾, kif ukoll tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 854/2004 tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-

(5) Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2007/1359 tal-21 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti tar-rifużjonijiet speċjali ta' l-esportazzjoni fuq ċerti qatgħat ta' laħam dissussat ta' l-annimali bovini ⁽⁵⁾, jipprevedu tnaqqis fir-rifużjoni partikulari fil-każ li l-kwantità tal-laħam dissussat għall-esportazzjoni tkun inqas minn 95 % mill-kwantità totali f'piż tal-qatgħat ġejjin mid-dissussar, iżda mingħajr ma tkun inqas minn 85 % mill-istess kwantità.

(6) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1044/2008 jitħassar ⁽⁶⁾ u li jeħodlu postu Regolament ġdid.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prodotti li jgawdu minn rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni previsti fl-Artikolu 164 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif ukoll l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet, huma ddefiniti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, bir-riżerva tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-prodotti li jistgħu jgawdu minn rifużjoni skond il-paragrafu 1 jeħtieġilhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, u b'mod partikolari, jeħtieġilhom ikunu ppreparati fi stabbilimenti awtorizzati u jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-timbru sanitarju stipulati fl-Anness I, is-Sezzjoni I, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

Artikolu 2

Fil-każ imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1359/2007, ir-rata tar-rifużjoni għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tal-prodott 0201 30 00 9100 titnaqqas b'7 EUR/100 kg.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KE) Nru 1044/2008 huwa b'dan imħassar.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83.

⁽⁵⁾ ĠU L 304, 22.11.2007, p. 21.

⁽⁶⁾ ĠU L 281, 24.10.2008, p. 10.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNEX

Rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga, applikabbli mit-23 ta' Jannar 2009

Il-kodiċi tal-prodotti	Id-destinazzjoni	L-unità tal-kejl	L-ammont tar-rifużjonijiet
0102 10 10 9140	B00	EUR/100 kg ta' piż ħaj	25,9
0102 10 30 9140	B00	EUR/100 kg ta' piż ħaj	25,9
0201 10 00 9110 ⁽¹⁾	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	36,6
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	21,5
0201 10 00 9130 ⁽¹⁾	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	48,8
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	28,7
0201 20 20 9110 ⁽¹⁾	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	48,8
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	28,7
0201 20 30 9110 ⁽¹⁾	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	36,6
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	21,5
0201 20 50 9110 ⁽¹⁾	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	61,0
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	35,9
0201 20 50 9130 ⁽¹⁾	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	36,6
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	21,5
0201 30 00 9050	US ⁽³⁾	EUR/100 kg ta' piż nett	6,5
	CA ⁽⁴⁾	EUR/100 kg ta' piż nett	6,5
0201 30 00 9060 ⁽⁶⁾	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	22,6
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	7,5
0201 30 00 9100 ⁽²⁾ ⁽⁶⁾	B04	EUR/100 kg ta' piż nett	84,7
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	49,8
	EG	EUR/100 kg ta' piż nett	103,4
0201 30 00 9120 ⁽²⁾ ⁽⁶⁾	B04	EUR/100 kg ta' piż nett	50,8
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	29,9
	EG	EUR/100 kg ta' piż nett	62,0
0202 10 00 9100	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	16,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	5,4
0202 20 30 9000	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	16,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	5,4
0202 20 50 9900	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	16,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	5,4
0202 20 90 9100	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	16,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	5,4
0202 30 90 9100	US ⁽³⁾	EUR/100 kg ta' piż nett	6,5
	CA ⁽⁴⁾	EUR/100 kg ta' piż nett	6,5

Il-kodiċi tal-prodotti	Id-destinazzjoni	L-unità tal-kejl	L-ammont tar-rifużjonijiet
0202 30 90 9200 ⁽⁶⁾	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	22,6
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	7,5
1602 50 31 9125 ⁽⁵⁾	B00	EUR/100 kg ta' piż nett	23,3
1602 50 31 9325 ⁽⁵⁾	B00	EUR/100 kg ta' piż nett	20,7
1602 50 95 9125 ⁽⁵⁾	B00	EUR/100 kg ta' piż nett	23,3
1602 50 95 9325 ⁽⁵⁾	B00	EUR/100 kg ta' piż nett	20,7

NB: Il-kodiċijiet tal-prodotti kif ukoll il-kodiċijiet tad-destinazzjonijiet serje "A" huma definiti skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1).

Il-kodiċijiet alfanumeriċi tad-destinazzjonijiet huma definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19).

Id-destinazzjonijiet l-oħra huma definiti kif ġej:

B00: Id-destinazzjonijiet kollha (pajjiżi terzi, territorji oħrajn, provvisti u destinazzjonijiet meqjusa bħala post ta' esportazzjoni barra mill-Komunità).

B02: B04 u destinazzjoni EG.

B03: L-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Herzegovina, is-Serbja, il-Kosovo (*), il-Montenegro, l-ex Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, ħażniet u provvisti (id-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 36 u 45, u, fejn japplika, fl-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 (ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11)).

B04: It-Turkija, l-Ukraina, il-Belarus, il-Moldova, ir-Russja, il-Ġeorgja, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Każakistan, it-Turkmenistan, l-Użbekistan, it-Taġikistan, il-Kirgistan, il-Marokk, l-Alġerija, it-Tuneżija, il-Libja, il-Libanu, is-Sirja, l-Iraq, l-Iran, l-Iżrael, ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, il-Ġordan, l-Gharabja Sawdita, il-Kuwajt, il-Bahrejn, il-Qatar, l-Emirati Gharab Magħquda, l-Oman, il-Jemen, il-Pakistan, Sri Lanka, il-Mjanmar (Burma), it-Tajlandja, il-Vjetnam, l-Indoneżja, il-Filippini, iċ-Ċina, il-Korea ta' Fuq, Hong Kong, is-Sudan, il-Mawritanja, il-Mali, il-Burkina Faso, in-Niġer, iċ-Ċad, il-Kap Verde, is-Senegal, il-Gambja, il-Ginea-Bissaw, il-Ginea, is-Sjerra Leone, il-Liberja, il-Côte d'Ivoire, il-Gana, it-Togo, il-Benin, in-Niġerja, il-Kamerun, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, il-Ginea Ekwatorjali, Sao Tomè u Príncipe, il-Gabon, il-Kongo, il-Kongo (ir-Repubblika Demokratika), ir-Rwanda, il-Burundi, Santa Liena u d-dipendenzi tagħha, l-Angola, l-Etjopja, l-Eritrea, Ġibuti, is-Somaliya, l-Uganda, it-Tanzanja, is-Seychelles u d-dipendenzi tagħhom, It-Territorju Britanniku ta' l-Oċean Indjan, il-Możambik, il-Mawrizju, il-Komoros, Mayotte, iż-Żambja, il-Malawi, l-Afrika t'Isfel, il-Lesoto.

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

(1) L-inklużjoni f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikat ta' prova li jidher fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 433/2007 (ĠU L 104, 21.4.2007, p. 3).

(2) L-għoti tar-rifużjoni huwa soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet imniżżlin fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1359/2007 (ĠU L 304, 22.11.2007, p. 21) u, jekk japplika, fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006 (ĠU L 329, 25.11.2006, p. 7).

(3) Magħmulin skond il-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1643/2006 (ĠU L 308, 8.11.2006, p. 7).

(4) Magħmulin skond il-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2051/96 (ĠU L 274, 26.10.1996, p. 18).

(5) L-għoti tar-rifużjoni huwa soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet imniżżlin fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1731/2006 (ĠU L 325, 24.11.2006, p. 12).

(6) Il-kontenut f'dgħif tal-laħam taċ-ċanga għajr ix-xaħam huwa ddeterminat skond il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2429/86 (ĠU L 210, 1.8.1986, p. 39).

It-terminu "kontenut medju" jirreferi għall-kwantità tal-kampjun kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 765/2002 (ĠU L 117, 4.5.2002, p. 6). Il-kampjun jittieħed mill-parti tal-lott ikkonċernat li ttippreżenta l-akbar riskju.